Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 118/2013

**Joseph Bugeja**

**Vs**

**Is-sur Mario Bugeja fil-kapacita' tieghu ta' Manager tas-Sigurta fl-ajruport u Minister ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali**

16 ta' Marzu, 2018.

1. B'sentenza tal-21 ta' April, 2015 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva laqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati li m'ghandux il-kompetenza sabiex jistharreg l-ilment tar-rikorrent.

2. F'rikors promotur prezentat fil-31 ta' Mejju, 2013 l-appellant ilmenta li ma kienx inghata *airport security pass* skont l-Avviz Legali 488 tal-2011 [Regolamenti tal-2011 dwar Sigurta fl-Ajruport (Background Checks)' kif emendat permezz tal-Avviz Legali 454 tas-sena 2012 'Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sigurta' fl-Ajruport (*Background Checks*)]. Ghalkemm b'sentenza tat-23 ta' April, 2009 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kien gie kkundannat ghal sena priggunerija sospiza ghall-perjodu ta' sentejn u wehel multa ta' €1500, argumenta li:

   i. **L-incident li tieghu nstab hati sehh ferm qabel il-promulgazzjoni tal-Avvizi Legali. Isostni li l-Avviz Legali m'ghandux jigi applikat b'mod retroattiv.**

   ii. **Il-perjodu ta' rijablitazzjoni ghall-istess reat qatt ma seta' jibda jiddekorri ghaliex ir-reat sehh qabel ma dahal fis-sehh l-Avviz Legali 488 tas-sena 2011.**

   Fl-affidavit li pprezenta fl-24 ta' Frar, 2014, xehed:

   *" ….. f'April 2013 ergajt applikajt ghall-OMAS PASS ghax hassejt li kont qed nigi diskriminat. L-applikazzjoni tieghi giet rifjutata abbazi tal-Legali Notice 488, Artikolu 8(1).* ***Nispjega li din il-Legal Notice harget ferm wara l-incident li wassal ghas-sentenza sospiza tieghi u sahansitra ferm wara li s-sentenza kienet inqatghet u saret finali u peress li din l-istess Legal Notice ma tispecifikax li ghandha tigi applikata b'lura****, ridt li niehu passi legali kontra din id-decizjoni ghaliex hassejt li din kienet ingustizzja".*

3. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Illi fl-umli fehma ta' dan it-Tribunal iz-zewg aggravji fuq sintetizzati imorru lil hin mill-iskop tar-Regolament 10 tal-Avviz Legali 488 tal-2011. Il-poter moghti bl-istess Regolament lil dan it-Tribunal huwa ferm limitat kif muri iktar 'il fuq. Ir-rikorrent bl-ebda mod mhu qed isostni li r-reati li taghhom instab hati ma jiffigurawx fit-Tieni Skeda jew li l-perjodu ta' rijabilitazzjoni kien iddekorra. Dak li qed isostni r-rikorrent hu li l-intimat Mario Bugeja qua Manager tas-Sigurta fl-Ajruport qatt ma messu applika l-imsemmi Avviz Legali ghall-applikazzjoni tieghu, liema aggravju huwa ghal kollox distint mill-aggravji fir-Regolament 10 u certament imur oltre l-iskop tal-istess Regolament"*.

4. Fir-rikors tal-appell l-aggravju tar-rikorrent hu li t-Tribunal ta' Revizjoni Amminstrattiva ghamel interpretazzjoni zbaljata tal-ligi, u li kien obbligat li jiddeciedi dwar jekk dik il-ligi kinitx tapplika ghall-kaz in ezami.

5. Jirrizulta li b'sentenza tat-23 ta' April, 2009 ir-rikorrent kien instab hati ta' diversi reati li jinkludu:

   i. Bejn l-14 u 15 ta' Novembru 2002 gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, importa jew kellu b'xi mod x'jaqsam fl-importazzjoni ta' tjur u annimali f'Malta li hi projbita jew limitata.
   ii. Importa, ftiehem jew ipprova, jew ghin fl-importazzjoni ta' ghasafar protetti.
   iii. Importa, garr jew kellu fil-pussess tieghu xi ghasafar hajjin jew mejtin ta ghasafar li m'humiex imsemmijin fl-Iskedi I, II jew III tal-Avviz Legali 146 tal-1993.
   iv. Bhala impjegat mal-kumpannija Air Malta plc, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghaliha jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli iehor jew vantagg iehor.

6. Fis-sentenza l-Qorti tal-Magistrati (Malta) osservat li wara li kkunsidrat il-provi, kienet tal-fehma li:

*"... l-istess Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat kien involut fl-importazzjoni tal-ghasafar u fkieren protetti li nstabu fis-seba' bagalji li kienu fil-pussess tieghu meta huwa gie mwaqqaf mill-Kaptan Neville Galea"*.

7. Regolament 10 tal-Avviz Legali 488 tal-2011 jipprovdi:

*"L-applikant ghandu d-dritt jappella quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, kontra d-decizjoni tal-Manager li tichad il-hrug ta' security pass, fi zmien ghoxrin jum min-notifika tac-cahda;* ***appell kontra din id-decizjoni ghandha tkun limitata ghal wahda jew ghaz-zewg ragunijiet li gejjin****:*

***- illi r-reat inkwistjoni m'huwiex wiehed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda; u, jew***

***- illi l-perjodu ta' rijabilitazzjoni provdut fir-regolament 8 kien iddekorra***".

8. Pero' l-appell li r-rikorrent ippropona quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva m'ghandu x'jaqsam xejn mar-ragunijiet li jissemmew f'regolament 10. Dan jikkonfermah hu stess fir-rikors tal-appell meta qal, *"Izda **l-kwistjoni kollha terga' ddur fuq l-applikabbilita tal-Avviz Legali nnifsu**. Jekk fiz-zmien ir-reat u fiz-zmien tal-applikazzjoni tieghu l-Avviz Legali ma kienx ghadu fis-sehh, kif qatt seta jigi applikat l-istess Avviz Legali fil-konfront tal-appellant u jinghad li kwantu ghar-reat li dwaru ttiehdu proceduri kriminali ma kienx ghadu ghadda zmien bizzejjed ?".* Domanda li t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva m'ghandux il-kompetenza biex jaghti twegiba ghaliha.

9. Gialadarba l-kompetenza tat-Tribunal hi **biss** li jistharreg u jiddeciedi jekk ir-reat huwiex elenkat fit-Tieni Skeda u kienx ghadda it-terminu ta' rijabilatazzjoni li jissemma fir-regolament 8 u l-ilment tar-rikorrent mhuwiex dak, allura hu ovvju li t-Tribunal m'ghandux kompetenza biex jisma' u jiddeciedi l-ilment tar-rikorrent. Il-kwistjoni dwar japplikawx ir-regolamenti ghall-kaz partikolari tar-rikorrenti mhijiex kontemplata f'regolament 10, u ghalhekk mhijiex ta' kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

10. Fit-twegiba (fol. 11) l-intimati argumentaw li din il-qorti m'ghandhiex il-kompetenza sabiex tisma' u tiddeciedi l-appell ghaliex l-appell kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell (Superjuri). L-artikolu 22 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490) jipprovdi:

*"(1) Kull parti fil-proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li thoss ruhha aggravata b'decizjoni ta' dak it-Tribunal tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza taghha superjuri **jew** dik inferjuri.*

*(2) Il-kompetenza tal-Qorti tal-Appell biex tisma' u tiddeciedi appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tkun dik stabbilita fit-Tieni Skeda".*

11. L-Avviz Legali 488 tal-2011 sar bis-sahha tas-setghat moghtija bl-Artikolu 3 tal-Att dwar Sigurta fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Civili (Kap. 405). Fit-tieni skeda l-Kap. 405 ma jissemmix. Ghalhekk il-ligi ghadha ma tipprovdix jekk appell jinstema' jew jigix deciz mill-Qorti tal-Appell komposta minn tlett imhallfin jew minn imhallef wiehed. Mill-artikolu 41 tal-Kap. 12 hu evidenti li hemm Qorti tal-Appell wahda biss. Kif qalu l-intimati fis-sentenza **Johann Said vs Kummissarju tal-Pulizija** tat-18 ta' Dicembru, 2012 il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:

*"iżda l-unika kwistjoni li joħloq dan in-nuqqas hija dwar liema sede ta' din il-qorti għandha tisma' l-appell. Iżda din il-kwistjoni hi ormai waħda akkademika u sorpassata bl-eventi għaliex **l-appell sar quddiem il-Qorti tal-Appell u nġieb u jinsab quddiem din il-Qorti fil-kompetenza hekk msejjħa "superjuri" tagħha kif previst fl-artikolu 22(1)***

***imsemmi. Għalhekk ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-appell sar sew u li din il-Qorti kif komposta hija kompetenti skont l-artikolu 22(1) sabiex tisimgħu"***.

Jekk kif iridu l-appellati jigi addottat dak ir-ragunament, u li evidentement hu bazat fuq dak li jipprovdi l-artikolu 22(1) tal-Kap. 490, din il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandix tiddeciedi l-appell tal-lum.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni bl-ispejjez a karigu tal-appellati. Tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.